MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tad-29 ta' Frar, 2008

Numru 851/2006

**Il-Pulizija**
**(Sp. Chris Pullicino)**

**v**

**Angelo Cucciardi iben Vincent u Maria nee Tabone, imwieled Qormi fil-31 ta' Lulju, 1954 u joqghod 144, Dun mario Street, Qormi, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 617454 (M)**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Angelo Cucciardi li gie akkuzat talli fit-2 ta' Frar, 2006 ghall-habta ta' 12.15 p.m. gewwa s-Siggiewi ikkommetta serq ta'diversi oggetti minn vettura ta' ghamla Toyota, numru ta' registrazzjoni BBI-481 liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, valur u bin-

natura tal-haga misruqa, u li sar ghad-detriment ta' Joseph Cutajar;
U aktar talli fl-istess zminijiet, hin u cirkostanzi xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta kif ukoll barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali ghal proceduri sommarji, rat li l-istess akkuzat ma kellux oggezzjoni ghal tali proceduri u li ma kienx hati ta'l-akkuzi kif dedotti kontra teighu.

Ikkonsidrat

Illi il-qosor il-fatti huma s-segwenti – nsteraq minn vettura ta' Joseph Cutajar mobile tal-marka Nokia li kien inxtara versu l-valur ta' Lm 86 skond l-istess Cutajar. Jirrizulta wkoll illi ftit wara l-hin li nsteraq dan l-istess mobile, minn fuq l-IMEI number allura min fuq l-istess cellulari (galadarba IMEI ma giex imbaghbas) saret telefonata b'sim card li tghajjat lil certu Youssef Wagih. L-istess Youssef Wagih mitkellem mill-Pulizija Investigattiva qal li hu kien xtara dan ic-cellulari, l-istess misruq, minghand wiehed tat-Taxi. Xehed quddiem din il-Qorti li xtara dan il-mobile versu l-prezz ta' Lm 25. Mistoqsi fejn reggha ra lil din il-persuna li xtara l-moble minghandha wiegeb li ra ghaddej il-Belt, u wara hekk jghid li qatt ma rah izjed. Aktar tard jghid li reggha ra lil din il-persuna meta l-Ispettur hadu fl-ufficju tieghu, pero' mistoqsi jghid il-persuna tat-taxi li kien qed isemmi jarahiex anzi jaghrafhiex f'Awla, wiegeb li ma kienx hekk prezenti.

Ikkonsidrat

Illi r-reati addebitati lil Angelo Cucciardi huma dawk ta' serq u ricettazzjoni.

Illi t-tezi tal-Prosekuzzjoni huwa l-passagg ta' hin li ghadda bejn is-serq tal-mobile u l-uzu tieghu b'certu numru. Ghandu ragun l-Avukat Difensur illi n-numru tal-mobile li jidher fuq l-istqarrija ghalkemm jista' jkun ta' l-

akkuzat, huwa parti biss mill-partikolaritajiet ta'l-istess akkuzat u ma jsib ebda verifika minn ebda service provider bhala xhud f'din il-kawza. Allura ma hemm ebda ness bejn is-serqa tac-cellulari u l-uzu tieghu b'sim card li tghajjat lill-akkuzat, ness bizzejjed li jipprova l-hemm minn kull dubju ragonevoli li kien Cucciardi li wettaq is-serqa.

Fil-fatt aktar hija soda fil-konfront ta' Cucciardi r-reat ta' ricettazzjoni, dan naxxenti anke mil-istess stqarrija tieghu. Fil-fatt Cucciardi kien car li hu biegh ic-cellulari lil wiehed ta' nazzjonalita' barranija versu l-prezz ta' Lm 25.

Issa huwa vera li Youssef ma gharaf qatt lil Cucciardi bhala l-bniedem li bieghlu l-mobile pero' certament jghid li kien il-persuna li ra fl-Ufficju tal-Pulizija, cioe ta' l-Ispettur dana meta t-tnejn kien qed jigu nvestigati fuq is-serq ta' dan il-mobile.

Issa jsegwi illi dan il-mobile bl-IMEI number tieghu insteraq lil Cutajar, ghadda u ntuza minn Cucciardi, ghadda u ntuza minn Youssef. Jerga' jirrizulta biss illi dan l-IMEI number ntuza bhala incoming calls fuq zewg linji li jghajtu lid-derubat Joseph Cutajar u Wagih Youssef. Minn imkien ma jidher jew jirrizulta li Cucciardi kien fil-pusess ta' dan ic-cellulari b'dan l-IMEI partikolari di piu dana maghdud mal-fatt illi fil-fatt qatt f'Qorti ma gie identifikat minn Youssef l-istess.

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet premessi qeghda tilliberah mill-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------